MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 271/2007

Il-Pulizija
(Surg. Maggur Dr. J. Grima)
Vs
Carmelo Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn ix-xahar ta' Novembru, 2006 sax-xahar ta' Jannar, 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jaghti s-somma ta' mija w disghin lira Maltin (LM190), bhala manteniment lil Jane Borg u lil uliedu, u dan skond id-digriet mahrug nhar it-12 ta' Lulju, 2006, u ffirmat mill-Onor. Imhallef Dr. Noel Cuschieri LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Lulju, 2007, li biha, wara

li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta kontrieh u kkundannatu ghal gimgha (1) detenzjoni. Barra minn hekk il-Qorti ordnat ukoll lill-istess appellant ihallas is-somma ta' hames mija w sebghin lira Maltin (LM570) fi zmien 3 xhur bhala manteniment dovut lil Jane Borg u lil uliedu, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w wara li tiddikjarah mhux hati tal-akkuza dedotta kontrieh, tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. Li l-akkuzat deher ghas-seduta tat-2 ta' Lulju, 2007, mhux assistit u b' hekk gie michud id-dritt li jkun assistit minn Avukat. 2. Li l-akkuza hija preskritta. 3. Li l-akkuza ma tirrizultax ghax ma jezisti ebda digriet tat-12 ta' Lulju, 2006 li mpona ordni ghal-hlas ta' manteniment; 4, li l-kalkolu tal-manteniment li gie ordnat ihallas l-akkuzat hu skorrett. 5. Li martu taqla aktar minnu; 6. Li hu ghandu diversi spejjez; 6 li hu ghandu dizabilita' fizika u ser ibaghti minnhabba l-piena inflitta fuqu; 7. Li, f' kull kaz, jekk stess zamm lura milli jhallas, dan ma ghamlux b' kapricc u b' pika w ghalhekk il-piena ta' detenzjoni mhux gustifikata w kienet esagerata fic-cirkostanzi.

Semghet ix-xiehda mill-gdid ta' mart l-appellant Jane Borg fl-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2007. L-appellant ghazel li ma jixhidx.

Rat il-kopja tan-Nota tal-istess mart l-appellant ipprezentata fil-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fit-8 ta' Jannar, 2007, li tikkontjeni dettalji dwar l-introjti w l-mezzi

tal-konjugi Borg, u li giet esebita bl-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel aggravju li l-appellant gie mcahhad mid-dritt li jkun assistit minn Avukat, jigi rilevat li fl-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant ma deherx (fol. 2). Meta deher fit-tieni seduta tat-2 ta' Lulju, 2007, ma jirrizultax li hu b' xi mod talab li jkun assistit minn Avukat ghalkemm fil-fatt ta x-xiehda tieghu (ara verbal tal-prime note a fol. 4)

Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Dennis Pace"** [4.7.2002], din il-Qorti thoss li jkun assurd li wiehed jippretendi li biex ikun garantit id-dritt ghall-assistenza legali, l-Qrati tal-Magistrati, anki fejn l-akkuzat fi proceduri sommarji jidher u ma jitlobx li jkun assistit minn avukat, il-Qorti toqghod tappuntalu avukat tal-ghajnuna legali. Meta wiehed iqis l-eluf ta' kawzi sommarji li jigu trattati kull sena quddiem il-Qrati tal-Magistrati, wiehed jara kemm hu impratikabbli li l-Magistrati ghal kull kaz, anki fejn l-imputat ma jitlobx li jkun assistit minn avukat, iridu jinnominaw avukat jew jaghtu differiment biex forsi l-imputat fis-seduta li jmiss jinkarika avukat. Id-drittijiet umani ghandhom jigu protetti w rispettati bla pero' ma jigu ridotti "*ad absurdum*" .

Illi f'dan is-sens ukoll huwa l-insenjament tal-Kummissjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fejn fil-kaz ta' **BIONDO vs. ITALY "** ( No. 8821/79 , 64 DR 5 (1983) Com. Rep.; CM Res DH (89) 30) intqal :

"*It notes the existence of a system of legal aid in Italy which the applicant could have used and that he had not used it <u>or shown that he wished to</u> . In these circumstances , he cannot complain in respect of this part of the proceedings of a violation of Art. 6 para. (3) (c) of*

*the Convention AS HE IS HIMSELF RESPONSIBLE FOR THE CONSEQUENCES OF FAILING TO EXERCISE A RIGHT."* (emfasi ta' din il-Qorti) .

Illi umbaghad jigi osservat li mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li hu mhux gdid ghall-proceduri tal-Qorti ghaliex gie kundannat mill-Qrati ghal diversi reati ghal mill-inqas sitt (6) darbiet qabel ma deher il-Qorti f' din il-kawza w ghalhekk wiehed bir-ragun jifhem li hu kien ferm konsapevoli ghad-dritt tieghu li jitlob li jkun assistit minn Avukat kieku verament ried li jkun hekk assistit.

Ghalhekk l-ewwel aggravju jidher li hu infondat .

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju li jirrigwarda l-preskrizzjoni, l-appellant qed jigi akkuzat bir-reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali w skond l-artikolu 691 (1) tal-Kodici Kriminali ghar-reati kontinwati z-zmien tal-preskrizzjoni jibda' jghaddi mill-jum li fih sar l-ahhar ksur tal-ligi. L-akkuza tirriferi ghal nuqqas ta' hlas bejn ix-xahar ta' Novembru, 2006 u x-xahar ta' Jannar, 2007. Illi d-Digriet tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, esebit u li jgib id-data tas-7 ta' Novembru, 2006, ordna li l-appellant kellu jhallas somma mensili ta' LM190 bhala manteniment ghall-martu w ghal-bintu minuri. Wiehed ghalhekk jipprezumi li dal-hlas kellu jsir fis-7 ta' kull xahar . Umbaghad il-kontravvenzjoni kontemplata fl-art. 338 (z) tal-Kodici Kriminali tigi kommessa <u>fi zmien hmistax il-jum</u> minn dak il-jum li fih, skond l-ordni tal-Qorti ikollha tithallas is-somma. Ghalhekk f' dal-kaz id-data li fiha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni favur l-appellant kienet it-22 ta' Jannar, 2007 u, trattandosi ta' reat kontravvenzjonali, tapplika l-preskrizzjoni trimestrali minn din id-data skond l-art. 688(f) tal-Kodici Kriminali, b' dan li l-azzjoni kriminali kienet issir preskritta fit-22 t' April, 2007.

Issa f' dan il-kaz ic-citazzjoni giet iffirmata mill-Ispettur Prosekutur fit-12 t' April, 2007 (fol.1) u l-ordni kienet biex l-appellant jidher quddiem il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2007. Pero' mir-riferta tan-notifika tac-citazzjoni (fol. 3) jirrizulta li din in-notifika saret mat-tieni tentattiv li sar fis-**<u>26 t' April,</u>**

**2007**, u cioe' wara li kien lahaq skada l-periodu tal-preskrizzjoni fit-**22 t' April, 2007**.

Konsegwentement l-aggravju tal-appellant li l-azzjoni kienet preskritta jidher fondat u qed jigi milqugh.

In vista ta' din il-konkluzzjoni ma hux il-kaz li din il-Qorti tinvesti l-aggravji l-ohra kollha kontenuti fir-rikors tal-appell.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u, wara li tiddikjara l-azzjoni preskritta skond il-ligi, tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------